**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 48/10VG**

**Reginald Soler**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 27 ta' Novembru 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Reginald Soler fit-23 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni referibbli ghan-Notifika ta' Likwidazzjoni numru IR(S) 2984/04 u datata 6 ta' Ottubru 2010 u minflok jordna li jigi accettat bhala gust u reali l-prezz indikat fil-kuntratt ta' trasferiment datat 29 ta' Dicembru 2003 in forza ta' liema gew akkwistati garage u garage spaces fil-fond Milner Grove, Milner Street, Sliema, u fin-nuqqas jordna li l-atti jigu rinvijati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jirrevedi l-Likwidazzjoni maghmula minnu, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazjzoni ta' Taxxa mahruga fil-konfront tieghu in konnessjoni ma' l-akkwist tal-garage u garage spaces fil-fond Milner Grove, Milner Street, Sliema, u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra ir-Rikorrent, stante li t-talbiet tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz mill-Kummissarju huwa dovut fl-intier tieghu;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011[1] u ix-xhieda tal-Perit David Felice moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012[2], ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ipprezentata fil-

[1] Fol. 12 tal-process.
[2] Fol. 23a sa' 23c tal-process.

15 ta' Marzu 2012 a fol. 24 sa' 36 tal-process, sema' x-xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Settembru 2012[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IP" a fol. 40 sa' 49 tal-process, ra d-dokumenti markati Dok. "CC1" u Dok. "CC2" esebiti mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2012 a fol. 56 sa' 58 tal-process, u sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2012[4] u tat-22 ta' Ottubru 2013[5];

Ra r-Rapport ta' l-Assistent Tekniku tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi a fol. 70 sa' 73 tal-process u ra l-mistoqisijiet in eskussjoni li saru lill-Perit Borg Costanzi mid-Direttur Generali (Taxxi Interni)[6] u l-konsegwenti risposti tal-Perit ghal tali mistoqsijiet[7];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 6 ta' Ottubru 2010[8] u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV083878[9] ukoll datata 6 ta' Ottubru 2010, in forza ta' liema qed jigi miltub ihallas is-somma ta' €582.34 rapprezentanti taxxa fuq il-valur addizzjonali ta' €11,646.87 u s-somma ulterjuri ta' €582.34 rappreznetanti taxxa addizzjonali/penali, in konnessjoni ma' l-akkwist ta' zewg car spaces bin-numri 32 u 33 sitwati fil-livell 3 tal-Garage Complex tal-fond Milner Grove, Milner Street, Sliema u ta' garage internament numerat 38, 39 u 40 sitwat fil-livell 3, flimkien ma' l-istore markat L3S04, ta' l-istess Garage Complex tal-fond Milner Grove, Milner Street, Sliema, in forza ta' kuntratt datat 29 ta' Dicembru 2003.

Ir-Rikorrent jitlob li l-imsemmija decizjoni, u naturalment il-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV083878, jigu mhassar u revokati *in toto* u minflok jigi dikjarat li l-prezz indikat fil-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-imsemmija garage u car spaces huwa l-prezz gust u reali ghall-imsemmija immobbli jew alternattivament li l-atti jigu rinvijati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jirrevedi l-Likwidazzjoni maghmula minnu. Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mill-imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa fuq is-segwenti aggravji: (i) il-konvenju relattiv ghall-immobbli minnu

[3] Fol. 50 u 51 tal-process.
[4] Fol. 59 u 60 tal-process.
[5] Fol. 75 sa' 79 tal-process.
[6] Fol. 80 tal-process.
[7] Fol. 83 tal-process.
[8] Fol. 41 sa' 43 tal-process.
[9] Fol. 40 tal-process.

akkwistati fl-2003 kien gie ffirmat f'April 2000 izda, il-kuntratt ta' trasferiment finali ma setax jigi ffirmat entro t-terminu originarjament prefiss fil-konvenju minhabba diversi inadempjenzi da parte ta' l-izviluppatur/venditur u kien biss bir-rieda tajba tar-Rikorrent li t-trasferiment seta' effettivament isir fid-29 ta' Dicembru 2003 u mhux iktar tard; (ii) in vista tal-kompromess milhuq bejn ir-Rikorrent u l-izviluppatur/venditur, ossia li l-immobbli minnu akkwistati gew akkwistati vojta u mhux *finished*, fuq l-att ta' trasferiment finali gie pattwit prezz inqas minn dak originarjament indikat fil-konvenju; (iii) il-prezz indikat fuq l-att ta' trasferiment finali huwa l-ammont li effettivament thallas u ma hemm ebda ammont li ma giex dikjarat; (iv) il-prezz finali huwa prezz gust u reali li jirrifletti pjenament is-suq fil-mument li sar il-konvenju, ossia fis-sena 2000; (v) ir-Rikorrent ma jahti bl-ebda mod ghad-dewmien biex gie esegwit l-att ta' trasferiment finali u ghalhekk jekk minhabba t-trapass ta' zmien bejn li gie iffirmat il-konvenju ghal meta gie pubblikat l-att ta' trasferiment finali seta' kien hemm xi awment fil-prezzijiet, fi kwalunkwe kaz ma hijiex gustifikata l-imposizzjoni ta' taxxi u multi ulterjuri fuqu.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni u mill-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV083878, u jitlob li l-istess jigi michud stante li t-talbiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz minnu huwa ghalhekk dovut fl-intier tieghu.

Mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Remigio Zammit Pace datat 29 ta' Dicembru 2003[10], ir-Rikorrent flimkien ma' martu Mary Anne Soler, akkwista minghand Milner Developments Limited *two car-spaces number thirty two (32) and thirty three (33), both situated on the Level Three (3) of the Garage Complex* – ossia l-kumpless ta' garages sottostanti l-izvilupp maghruf bl-isem Milner Grove, Milner Street, Sliema – **u** *the garage internally marked number thirty eight (38), thirty nine (39) and forty (40) situate a Level three (3) as well as the store marked letter "L" number three (3) letter "S" number zero four (L3S04)*, flimkien mal-*pro rata undivided share of the ownership of the Common Areas of the Garage Complex*, liema car spaces u garage gew akkwistati *in a complete state*, ghall-prezz komplessiv ta' Lm20,000, illum ekwivalenti ghal €46,587.47, u taht it-termini u kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt.

Wara li dan it-trasferiment gie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-16 ta' Jannar 2004[11], l-istess Kummissarju inkariga lill-Perit Carmel Cacopardo ghall-fini li jaghti stima tal-valur reali tal-car spaces u garage, inkluz l-istore, akkwistati mir-Rikorrent in forza ta' l-imsemmi kuntratt datat 29 ta' Dicembru 2003, fiz-zmien tat-trasferiment. Wara li accedda fl-immobbli akkwistati mir-Rikorrent, il-Perit Carmel Cacopardo ta s-segwenti stimi: stima

[10] Fol. 25 sa' 36 tal-process.
[11] Fol. 48 u 49 tal-process.

ta' Lm10,000, illum ekwivalenti ghal €23,293.73, ghaz-zewg car spaces bin-numri 32 u 33 sitwati f'Level 3 tal-Garage Complex; stima ta' LM14,000, illum ekiwvalenti ghal €32,611.23, ghall-garage bin-numri 38, 39 u 40, sitwat f'Level 3 tal-Garage Complex; u stima ta' Lm1,000, illum ekwivalenti ghal €2,329.37, ghall-istore f'Level 3 – komplessivament ammontanti ghal Lm25,000, illum ekwivalenti ghal €58,234.33[12]. A tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 52(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment huwa inqas minn 85% tal-valur stmat mill-Perit Cacopardo[13], il-Kummissarju pproceda bil-hrug ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV083878 datata 26 ta' Lulju 2004[14], permezz ta' liema talab il-hlas tas-somma ta' Lm250, illum ekwivalenti ghal €582.34 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabli ta' Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,646.87, u tas-somma ulterjuri ta' Lm250, ekwivalenti ghal €582.34, bhala taxxa addizzjonali/penali.

In sostenn tal-pretensjoni tieghu li l-prezz dikjarat fl-att ta' trasferiment datat 29 ta' Dicembru 2003 – ossia il-prezz ta' Lm20,000 – effettivament jirrapprezenta l-valur reali ta' l-immobbli akkwistati minnu in forza ta' dak l-att ta' trasferiment, ir-Rikorrent ressaq bhala xhud lill-Perit David Felice li xehed illi z-zewg car spaces u garage flimkien ma' l-store akkwistati mir-Rikorrent jinsabu fit-tieni livell taht il-pjan terran u jiffurmaw parti minn kumpless minn erba' livelli ta' garages, f'liema hemm madwar 170 post ta' parkegg. Mistoqsi dwar skond il-fehma tieghu x'kien il-valur ta' tali car spaces u garages fiz-zmien ta' l-akkwist, ossia fl-2003, il-Perit Felice rrisponda li *l-average value ta' l-ispace dak iz-zmien kien bejn erba' u hamest elef Lira kull wiehed, hemm jidhirli li s-Sur Soler kien xtara hemm garage li kellu zewg postijiet fih u fi spazjoni addizzjonali kien hemm kamra zghira, jekk minix sejjer zball u separatament zewg car spaces li kienu ma' genb xulxin, jigifieri bejn wiehed u iehor bhala opinjoni garage ta' tnax-il elf, spaces ta' xi tmint elef ... twelve tal-garage shih u eight ta' l-ispaces flimkien.* Mistqosi *fil-kuntratt jissemmew ghoxrin elf lira Maltin bhala prezz ta' kollox komplessivament, taqbel jigifieri minn naha tieghek?* il-Perit Felice rrisponda *yes, yes. Trid tara l-fatt illi hemm hekk kienu nbnew madwar hamsin appartament, jekk minix sejjer zball, tnejn u hamsin, hemm jigifieri il-postijiet ta' parkegg necessarji ghal dawk l-appartament bejn wiehed u iehor huma madwar mija. Normalment, regolarment, ikunu zewg postijiet jekk l-appartament ikollu tlett ikmamar tas-sodda u post wiehed jekk ikollu zewgt ikmamar tas-sodda, bejn wiehed u iehor ghandek bzonn madwar mija. Allura, naturalment, kien hemm madwar sittin, bejn sittin u tmenin spazju addizzjonali, kienet xi haga gdida wkoll dak iz-zmien, jigifieri kien hemm certu volum li tqieghed fuq is-suq f'daqqa[15].*

---

[12] Dok. "CC1" a fol. 57 tal-process.
[13] Lm25,000x85% = Lm21,250 – ekwivalenti ghal €49,449.18
[14] Fol. 47 tal-process.
[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012, fol. 23 a sa' 23c tal-process.

L-istima tal-Perit Felice, ossia dik ta' bejn Lm4,000[16] u Lm5,000[17], ghall-car spaces, li meta konvertita ghal dak li effettivament xtara r-Rikorrent tissarraf fil-valur ta' Lm8,000, illum ekwivalenti ghal €18,634.98, ghaz-zewg car spaces **u** fil-valur ta' Lm12,000, illum ekwivalenti ghal €27,952.48, ghall-garage, tinsab ikkonfermata mir-Rapport ta' l-Assistent Tekniku tat-Tribunal il-Perit Elena Borg Costanzi, a fol. 70 sa' 73 tal-process. Fir-Rapport taghha in fatti l-Perit Borg Costanzi kkunsidrat u kkonkludiet illi *t-trasferiment jikkonsisti minn zewg garage spaces b'numru 32 u 33 fit-tielet livell (skond il-kuntratt ta' bejgh) tal-garaxxijiet kif ukoll lock up garage b'numru 38, 39 u 40 illi huwa kbir u fejn jidhlu tlett karozzi u store (4). Hemm zewg ramep, wahda minn Triq Milner u ohra minn Triq Ghar id-Dud illi jaghtu access komuni lil dawn il-garaxxijiet illi jiffurmaw parti minn hafna simili. Hemm ukoll access b'lifts u turgien li jaghtu ghall-appartamenti sovrastanti kif ukoll ghall-pjazza. Il-garaxxijiet huma koperti bil-permess illi jgib referenza PA3835.95. L-esponenti kkunsidrat il-provi u x-xhieda fil-process, hadet in konsiderazzjoni id-daqs tal-garaxxijiet, il-lokalità per se u r-re-sale value taghhom. Illi fl-opinjoni ta' l-esponenti, il-valur tal-garaxxijiet kif deskritti fil-kuntratt illi inxtraw fl-2003 huma ta' €18,635.00 ghal numri 32 u 33 u €33,270.00 ghall-38, 39, 40 u store 4.*

In risposta ghall-mistoqsijiet in eskussjoni li sarulha mill-Kummissarju tat-Taxxi, ossia *f'liema stat ikkunsidrat li kienu l-car spaces, garage u store mertu ta' dawn il-proceduri fid-data tat-trasferiment?* u *xi provi kkunsidrat dwar l-istat tal-proprjetà mertu ta' dawn il-proceduri?*[18] il-Perit Borg Costanzi ikkjarifikat illi *kkunsidrajt l-istat kif inhu illum, cioè, basic finishes illi huwa noramli f'kumpless ta' garaxxijiet, jigifieri l-art tal-konkos maghmula b'wicc lixx (power float finish jew broom-brush finish) u markings taz-zebgha ma' l-art u mal-hitan. Dawl u accessi huma komuni.* Ghall-fini tal-provi li kkunsidrat biex ghamel tali konsiderazzjonijiet dwar l-istat ta' *finishes* tal-car spaces u tal-garages, il-Perit Borg Costanzi ddikjarat li *ghamilt referenza ghal Fol. 29 fil-process illi jifforma parti mill-kuntratt.* In effetti l-Perit Borg Costanzi ma setghetx ghajr li tikkonsidra u b'hekk tistma l-car spaces u garage akkwistati mir-Rikorrent bhala *finished* ghar-raguni li skond l-att ta' trasferiment innifsu, dawn l-immobbli gew effettivament trasferiti lir-Rikorrent *in a complete state*[19].

Meta din il-konkluzzjoni tal-Perit Borg Costanzi tigi kkunsidrata bir-reqqa jirrizulta li hija applikat il-valur ta' Lm4,000 ghal kull wiehed miz-zewg car spaces akkwistati mir-Rikorrent u applikat il-valur medju ta' madwar Lm4,000 ghall-garage 38, 39 u 40 u l-istore numru 4. Il-bazi ta' tali stimi hija evidentement id-daqs tal-car spaces u lock up garage bl-istore mieghu, l-istat ta' *completion* ta' tali immobbli u r-re-sale value ta' l-istess li huwa

[16] Illum ekwivalenti ghal €9,317.49.
[17] Illum ekwivalenti ghal €11,646.87.
[18] Fol. 80 tal-process.
[19] Vide fol. 30 tal-process.

naturalment determinat mill-fatt li l-Garage Complex in kwistjoni kien jikkonsisti minn numru ta’ car spaces u/jew garages in eccess tal-bzonnijiet ta’ l-izvilupp in kwistjoni, hekk kif jirrizulta b’mod car mix-xhieda tal-Perit David Felice. Ghalhekk, jigi ribadit li x-xhieda tal-Perit Felice tinsab korroborata sfiq mir-Rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi.
Meta l-istimi moghtija mill-Perit Carmel Cacopardo jigu kkunsidrati, *prima facie* jista' jirrizulta li hu wkoll applika valuri entro l-istess parametri bhall-Perit Felice u l-Perit Borg Costanzi, izda minn analizi iktar akkurata tax-xhieda moghtija minnu fil-kors tas-smigh tal-proceduri jirrizulta li dan ma huwiex il-kaz. In effetti meta gie mitlub jispjega kif applika l-valuri li applika ghall-immobbli akkwistati mir-Rikorrent, liema valuri kienu ta' medja ta' Lm5,000, il-Perit Cacopardo iddikjara *hawnhekk, hawn* ***l-iktar valur baxx possibbli ta' garaxx qed nitkellmu ta' hawn***[20]. *... Hawnhekk qeghdin nitkellmu bejn wiehed u iehor roughly, hamest elef lira garage space, qed nitkellmu, dak kien il-valur. Go Tas-Sliema ivarja kien, fuq il-front jiswa izjed, f'certi areas dak il-hamest elef u kien hemm areas ohrajn li kien anqas ukoll*[21].

Minn din id-dikjarazzjoni jirrizulta ghalhekk li fejn ghall-Perit David Felice, kif korroborat mill-Perit Borg Costanzi, il-valur fuq is-suq ghal car spaces fl-istess akkwati fejn kienu l-ispaces akkwistati mir-Rikorrent fiz-zmien ta' l-akkwist, ossia f'Dicembru 2003, kien ta' bejn Lm4,000 u Lm5,000, fejn evidentement il-valur ta' Lm5,000 ghal kull space kien l-iktar valur **gholi**, ghall-Perit Cacopardo il-valur ta' Lm5,000 kien l-iktar valur **baxx**. Huwa in bazi ghal din l-osservazzjoni li t-Tribunal jikkonkludi li l-parametri applikati mill-Perit David Felice, u anke mill-Perit Borg Costanzi, u mill-Perit Cacopardo huma differenti.

Ladarba r-Rikorrent ressaq, tramite l-Perit David Felice, prova li tistabilixxi li il-valur fuq is-suq ghal car spaces fl-akkwati in kwistjoni f'Dicembru 2003 kien ta' bejn Lm4,000 u Lm5,000 ghal kull car space, liema prova, jigi ribadit, tinsab korroborata mill-Assistent Tekniku tat-Tribunal, il-Perit Borg Costanzi, it-Tribunal jehtieg jiddetermina jekk, nonostante tali l-provi, l-istimi tal-Perit Cacopardo humiex fil-fatt gusti u ragonevoli bil-konsegwenza ghalhekk li tirrizulta gusta u ragonevoli l-konsegwenti Likwidazzjoni ta’ Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

It-Tribunal haseb fit-tul dwar din il-kwistjoni w ezamina bir-reqqa x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo dwar l-istimi moghtija minnu u huwa tal-fehma li l-Perit Cacopardo ma rnexxilux juri b'mod sodisfacenti li l-istimi tieghu huma gusti u ragonevoli.

Meta gie mistoqsi jaghti spjegazzjoni konkreta ta' kif wasal ghall-valur ta' Lm5,000, il-Perit Cacopardo tali spjegazzjoni ma tahiex. Meta gie mistoqsi *kif*

[20] Enfasi tat-Tribunal.
[21] Xhieda in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2013.

*wasalt ghal dawn l-istimi jekk joghgbok?* il-Perit Cacopardo irrisponda *jiena stmajt il-blokk kollu u stmajtu in line mal-kumplament, jigifieri bil-mod komparattiv*. Maghfus biex jaghti spjegazzjoni iktar konkreta milli tali dikjarazzjoni generika, il-Perit Cacopardo irribatta li r-Rikorrent ghandu jitlob lill-Kummissarju tat-Taxxi l-*files* relattivi ghal proprjetajiet u b'hekk ghal *taxpayers* ohra, anke gewwa l-istess zvilupp, pur sapendo - jew ta' l-inqas messu kien jaf - li tali informazzjoni fuq *taxpayers* ohra la tista' tintalab u wisq inqas tista' tinghata. Mistoqsi ulterjorment jaghti spjegazzjoni konkreta dwar kif wasal ghall-istimi tieghu, il-Perit Cacopardo sahaq *jien diga spjegat, ghidt b'mod komparattiv u b'mod komparattiv* ***kemm fl-istess blokka u fl-inhawi***[22]. Mistoqsi mit-Tribunal *imma meta inti wasalt ghal dak il-valur ta' l-ewwel garaxx fl-istess blokka jew l-ewwel garaxx li ghamilt f'dawk l-akkwati, x'uzajt bhala determining factor?* il-Perit Cacopardo irrisponda *xejn, kif qed imur is-suq f'dawk l-akkwati f'dak iz-zmien. Hawnhekk qeghdin nitkellmu bejn wiehed u iehor roughly, hamest elef lira l-garaxx space, qed nitkellmu, dak kien il-valur. Go Tas-Sliema jvarja kien, fuq il-front jiswa izjed, f'certi areas dak il-hamest elef u kien hemm areas ohrajn li kien anqas ukoll.* Mistoqsi *u l-area in kwistjoni, x'kellha li tiddetermina dawn il-hamest elef?* il-Perit Cacopardo rrisponda *ghax hi area residenzjali densa u garaxxijiet ma hemmx ta' kwantita' kbira hux*. Mistoqsi ulterjorment *imma ghalik x'inhuma il-fatturi rilevanti a fini ta' stima, naqblu li huma dawk li ghadek kif semmejt, kejl tas-suq f'dak il-hin u dak il-mument, naqblu li dawk huma l-fatturi rilevanti?* il-Perit irrisponda *mhux dak li ghidt jien*. Ikkonfrontat bid-dikjarazzjoni *però m'intix f'posizzjoni li taghtina ezempju* u *illum m'intix f'posizzjoni, naqblu?* il-Perit Cacopardo sahaq *mhux veru x'ghidtlekx hekk jiena .... M'ghidtlekx hekk*. U mistoqsi *mela ghatina ezempju?* il-Perit irrisponda *ghidtlek digà. Ghidtlek il-mod komparattiv fuq l-istess blokk kif ukoll fuq li jigri fl-inhawi* u mistoqsi ulterjorment *però illum il-gurnata at this point in time m'ghandniex a disposizzjoni taghna dawk il-comparisons, naqblu?* il-Perit Cacopardo rrisponda *mela hawn xi had igorr mieghu d-dokumentazzjoni kollha?*[23]

Minn din ix-xhieda huwa ferm evidenti li ghalkemm il-Perit Carmel Cacopardo sostna l-validità ta' l-istimi tieghu bl-affermazzjoni li huwa wasal ghal tali stimi a bazi tal-metodu komparattiv mhux biss mal-blokka nnifisha izda anke ma' l-inhawi, huwa naqas milli jipprovdi spjegazzjoni konkreta ta' din l-allegata komparazzjoni li huwa seta' ghamel bejn il-garage u car spaces mertu tal-proceduri in ezami u garages u/jew car spaces fl-istess akkwati. Jispicca l-fatt li il-Perit Cacopardo ma kienx f'posizzjoni, anzi kwazi kwazi rrifjuta, li jipprovdi informazzjoni effettivament producibbli – bhal ad ezempju riklami ta' proprjetajiet ohra fl-akkwati li certament bhala Perit jikkonsulta minn zmien ghal zmien – li b'mod konkret tissosstanzja l-validità ta' l-istimi tieghu, u cioè dik ta' Lm5,000 ghal kull car space b'tali valur ikun,

[22] Enfasi tat-Tribunal.
[23] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2013, fol. 75 sa' 79 tal-process.

skontu, l-inqas valur li effettivament kien japplika fuq is-suq fiz-zmien tat-trasferiment.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-istimi tal-Perit Cacopardo u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent ma humiex gusti u ragonevoli, anzi jirrizulta li huma eccessivi. Konsegwentement ghalhekk jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent huwa gustifikat u b'hekk jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 6 ta' Ottubru 2010 u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV 083878 ukoll datata 6 ta' Ottubru 2010, mahruga fil-konfront tieghu u konsegwentment ihassar u jirrevoka *in toto* l-imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV083878.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**